

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/334

tat-2 ta' Frar 2023

**li jemenda l-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klotijanidin u t-tijametossam f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi tar-residwi (MRLs) għall-klotijanidin u t-tijametossam ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") irrieżaminat dawn l-MRLs f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005<sup>(2)</sup> u rrakkomandat MRLs li nstabu li kienu sikuri għall-konsumaturi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/156<sup>(3)</sup> inkluda dawn l-MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Uħud minn dawn l-MRLs kienu bbażati fuq il-limiti massimi tar-residwi tal-Codex (CXLs) u diġà ġew inklużi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 permezz ta' emendi preċedenti<sup>(4)</sup>.
- (2) Fil-11 ta' Lulju 2015<sup>(5)</sup>, il-Kummissjoni Codex Alimentarius (CAC) adottat sett ġdid ta' CXLs għall-klotijanidin u t-tijametossam. Peress li l-Awtorità sabet li kienu sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni<sup>(6)</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/671<sup>(7)</sup> inkludihom fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

<sup>(1)</sup> ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> EFSA (Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2014. Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for clothianidin and thiamethoxam according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. *EFSA Journal* 2014;12(12):3918, 120 pp. doi:10.2903/j.efsa.2014.3918.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/156 tat-18 ta' Jannar 2016 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-boskalid, il-klotijanidin, it-tijametossam, il-folpet u t-tolklofos-metil f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 31 6.2.2016, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2012 tal- 24 ta' Mejju 2012 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal bifenażat, bifentrina, boskalid, kadusafos, klorantraniliprol, klorotalonil, klotijanidin, ċiprokonażol, deltametrina, dikamba, difenokonażol, dinokap, etossażol, fenpirossimat, flubendiammid, fludioosonil, glifosat, metalaksil-M, meptildinokap, novaluron, tijametossam, u triażofos f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 135, 25.5.2012, p. 4).

<sup>(5)</sup> Il-programm konġunt tal-FAO u tal-WHO dwar l-istandards tal-ikel tal-Kummissjoni Codex Alimentarius. L-Appendiċġiet III u IV. It-38 Sessjoni. Ġinevra, l-Iżvizzera, mis-6 sal-11 ta' Lulju 2015.

<sup>(6)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Scientific support for preparing an EU position in the 47th Session of the Codex Committee on Pesticide Residues (CCPR). *EFSA Journal* 2015;13(7):4208 178 pp.. doi: 10.2903/j.efsa.2015.4208.

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/671 tas-7 ta' April 2017 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klotijanidin u t-tijametossam f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 97, 8.4.2017, p. 9).

- (3) Il-klotjanidin u t-tijametossam ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE <sup>(8)</sup> fl-1 ta' Awwissu 2006 u fl-1 ta' Frar 2007, rispettivament, u għalhekk, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(9)</sup>. L-aktar valutazzjonijiet tar-riskju reċenti <sup>(10)</sup> <sup>(11)</sup> għan-naħal mill-esponiment għal dawn is-sustanzi mwettqa mill-Awtorità skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, sabu li minħabba l-proprjetajiet intrinżiċi tagħhom, l-esponiment mill-użu fil-beraħ tal-klotjanidin u t-tijametossam wassal għal riskji inaċċettabbli għan-naħal, u dawn ir-riskji ma setgħux jiġu esklużi abbażi tad-*data* disponibbli. Għalhekk, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/784 <sup>(12)</sup> u (UE) 2018/785 <sup>(13)</sup> irrestrinġew l-approvazzjoni tal-klotjanidin u tat-tijametossam rispettivament, għall-użi f'serer permanenti biss u kienu jirrikjedu li l-għelejjel li jirriżultaw jibqgħu f'serra permanenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom.
- (4) Wara l-adozzjoni ta' dawn ir-restrizzjonijiet, ġew irtirati l-applikazzjonijiet kollha għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi klotjanidin u tijametossam. Għalhekk, l-approvazzjoni tal-klotjanidin skadiet fil-31 ta' Jannar 2019 u l-approvazzjoni tat-tijametossam skadiet fit-30 ta' April 2019.
- (5) Fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju tal-Awtorità rigward in-naħal u l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli, bħalissa m'hemm l-ebda evidenza li tippermetti li xi użu fil-beraħ tal-klotjanidin u t-tijametossam jitqies bħala sikur għan-naħal. Madankollu, fi kwalunkwe waqt, il-produtturi tas-sustanzi jistgħu jippreżentaw informazzjoni addizzjonali, kif previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, li turi li l-użi fil-beraħ tal-klotjanidin u t-tijametossam huma sikuri għan-naħal. Jekk tiġi ppreżentata, dik l-informazzjoni tiġi rieżaminata fil-perjodu ta' żmien previst f'dak ir-Regolament. S'issa ma ġiet ippreżentata l-ebda informazzjoni ta' dan it-tip.
- (6) L-effetti negattivi tal-klotjanidin u t-tijametossam fuq in-naħal huma marbuta direttament mal-proprjetajiet intrinżiċi ta' dawk is-sustanzi. Għalhekk, ir-riskji għan-naħal mill-użi fil-beraħ ta' dawn is-sustanzi x'aktarx li ma jkunux limitati għall-Unjoni.
- (7) Hemm korp sostanzjali ta' evidenza li turi li s-sustanzi attivi li huma neonikotinojdi, bħall-klotjanidin u t-tijametossam, għandhom rwol importanti fit-tnaqqis tan-naħal u ta' dakkara oħra fid-dinja kollha. Fir-rapport tal-valutazzjoni tagħha tal-2016 <sup>(14)</sup>, il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi dwar id-dakkara, id-dakkir u l-produzzjoni tal-ikel, ikkonkludiet li n-neonikotinojdi (bħall-klotjanidin u t-tijametossam) għandhom effetti negattivi fuq in-naħal u dakkara oħra. L-impatt tan-neonikotinojdi fuq il-ħajja selvaġġa ilu vvalutat mit-Task Force dwar il-Pestiċidi Sistemiċi tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) mill-2012. Il-Valutazzjoni Integrata fid-Dinja kollha tal-Impatt tal-Pestiċidi Sistemiċi fuq il-Bijodiversità u l-Ekosistemi (WIA) eżaminat 1 121 studju xjentifiku u r-riżultati jindikaw li

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

<sup>(10)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Peer review of the pesticide risk assessment for bees for the active substance clothianidin considering the uses as seed treatments and granules. *EFSA Journal* 2018;16(2):5177.

<sup>(11)</sup> L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Peer review of the pesticide risk assessment for bees for the active substance thiamethoxam considering the uses as seed treatments and granules. *EFSA Journal* 2018;16(2):5179.

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/784 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva klotjanidin (ĠU L 132, 30.5.2018, p. 35).

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/785 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva tijametossam (ĠU L 132, 30.5.2018, p. 40).

<sup>(14)</sup> IPBES (2016). The assessment report of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services on pollinators, pollination and food production. S.G. Potts, V. L. Imperatriz-Fonseca, u H. T. Ngo (eds). Segretarjat tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemici, Bonn, il-Germanja. 552 paġna. <https://doi.org/10.5281/zenodo.3402856>

l-popolazzjonijiet tad-dakkara huma vulnerabbli ħafna għal-livelli eżistenti ta' tniġġis bin-neonikotinojdi u x'aktarx ikollhom firxa wiesgħa ta' impatti bijoloġiċi u ekoloġiċi negattivi fuq skala kbira <sup>(15)</sup>. Rieżami reċenti tal-għarfien xjentifiku eżistenti kkorrobora din il-konklużjoni li tindika li l-użu tan-neonikotinojdi qed iwassal għat-tnaqqis fil-popolazzjoni tad-dakkara f'reġjuni differenti tad-dinja <sup>(16)</sup>.

- (8) Mindu daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni fuq l-użi fil-beraħ tal-klotijanidin u t-tijametossam fl-Unjoni, diversi pajjiżi barra l-Unjoni rrestrinġew ukoll l-użu tal-klotijanidin u t-tijametossam biex jiproteġu d-dakkara, inkluż in-naħal <sup>(17)</sup> <sup>(18)</sup> <sup>(19)</sup>. Pajjiżi oħra bħalissa qed jevalwaw mill-ġdid l-approvazzjoni tagħhom ta' dawn is-sustanzi attivi <sup>(20)</sup> <sup>(21)</sup> <sup>(22)</sup>.
- (9) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 f'konformità mal-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 <sup>(23)</sup> jistabbilixxi dispożizzjonijiet relatati mal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel u l-ġhalf li joriġina mill-pjanti u mill-annimali jew fuqhom. F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament imsemmi l-aħħar, il-liġi dwar l-ikel għandha ssegwi wieħed mill-oġġettivi ġenerali jew aktar ta' livell għoli tal-protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa tal-bniedem u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, inkluż prattiki ġusti fil-kummerċ tal-ikel, filwaqt li fejn xieraq, titqies il-protezzjoni tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-ambjent.
- (10) Qed jiżdied it-tħassib fid-dinja kollha li t-tnaqqis tad-dakkara huwa theddida serja għall-bijodiversità globali, l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll għaż-żamma tal-produttività agrikola u s-sigurtà tal-ikel. Skont l-Inizjattiva Internazzjonali għall-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Dakkara <sup>(24)</sup>, tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, id-dakkir huwa wieħed mill-aktar mekkaniżmi importanti fil-manutenzjoni u l-promozzjoni tal-bijodiversità u, b'mod ġenerali, tal-ħajja fid-dinja. Ħafna ekosistemi, inkluż l-agroekosistemi u żewġ terzi tal-għelejjel tal-ikel ewlenin jiddependu fuq id-dakkara għall-kwalità jew għar-rendiment. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) tappella għal azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-ixprunaturi tat-tnaqqis tad-dakkara għall-fini tal-produzzjoni globali sostenibbli tal-ikel <sup>(25)</sup>. Il-frott, il-ħaxix, il-ġewż u ż-żrieragħ, li huma

<sup>(15)</sup> IUCN SSC CEM Task Force on Systemic Pesticides. "Worldwide Integrated Assessment. Peer reviewed scientific journal articles compiled in Environmental Science and Pollution Research" volum 22, ħarġa 1, Jannar 2015.

<sup>(16)</sup> Neonic Insecticides and Invertebrate Species Endangerment, Pierre Mineau. Module in Earth Systems and Environmental Sciences. 2021.

<https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/B9780128211397001264>

<sup>(17)</sup> Health Canada's Pest Management Regulatory Agency. Re-evaluation Decision RVD2019-05, Clothianidin and Its Associated End-use Products: Pollinator Re-evaluation. Pest Management Regulatory Agency, il-11 ta' April 2019 ISSN: 1925-0886.

<sup>(18)</sup> Health Canada's Pest Management Regulatory Agency. Re-evaluation Decision RVD2019-04., Thiamethoxam and Its Associated End-use Products: Pollinator Re-evaluation. Pest Management Regulatory Agency, il-11 ta' April 2019 ISSN: 1925-0886.

<sup>(19)</sup> Ministerio de Ganadería, Agricultura y Pesca de Paraguay. Resolución N° 503/019 DGSA Modificación de etiquetas para los Productos Fitosanitarios a base de los ingredientes activos Clotianidina, Imidacloprid, Tiametoxan y Clorpirifos. Diċembru 2019.

<sup>(20)</sup> Australian Pesticides and Veterinary Medicines Authority. Reconsideration of Neonicotinoid Approvals and Registrations. Commonwealth of Awstralja Gazette No. APVMA 23, Novembru 2019. [https://apvma.gov.au/sites/default/files/apvma\\_gazette\\_23\\_19\\_november\\_2019.pdf](https://apvma.gov.au/sites/default/files/apvma_gazette_23_19_november_2019.pdf)

<sup>(21)</sup> New Zealand Environmental Protection Authority. Application to decide whether there are grounds for reassessment of the neonicotinoids clothianidin, thiamethoxam, imidacloprid, thiacloprid, and acetamiprid (APP203949). Diċembru 2019. [https://www.epa.govt.nz/assets/FileAPI/hsno-ar/APP203949/APP203949\\_Final\\_Neonicotinoids\\_Decision\\_16-12-2019.pdf](https://www.epa.govt.nz/assets/FileAPI/hsno-ar/APP203949/APP203949_Final_Neonicotinoids_Decision_16-12-2019.pdf)

<sup>(22)</sup> United States Environmental Protection Agency. Proposed Interim Registration Review Decision, Numri tal-każ 7620 u 7614. Numri tad-Dokumenti EPA-HQ-OPP-2011-0865 u EPA-HQ-OPP-2011-0581. Jannar 2020.

<sup>(23)</sup> Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

<sup>(24)</sup> <https://www.cbd.int/doc/decisions/cop-14/cop-14-dec-06-en.pdf>

<sup>(25)</sup> FAO. 2019. The State of the World's Biodiversity for Food and Agriculture, J. Bélanger & D. Pilling (eds.). FAO Commission on Genetic Resources for Food and Agriculture Assessments. Ruma. 572 pp. <https://www.fao.org/3/CA3129EN/CA3129EN.pdf>

dipendenti ħafna fuq id-dakkir, huma l-kontributori djetetiċi ewlenin tal-mikronutrienti meħtieġa biex jiġi evitat ir-riskju ta' xi mard mhux komunikabbli fil-bnedmin <sup>(26)</sup> <sup>(27)</sup>. Għalhekk, id-dakkara huma importanti biex tiġi żgurata d-diversità fid-dieta u biex titnaqqas it-teddida għall-bijodiversità fl-ambjent globali.

- (11) Peress li t-tnaqqis fid-dakkara huwa kwistjoni ta' tħassib internazzjonali, il-miżuri tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adottati biex jiproteġu l-popolazzjonijiet tad-dakkara fid-dinja kollha, inkluż in-naħal, mir-riskji tas-sustanzi attivi, bħan-neonikotinojdi klotijanidin u tijametossam. Il-preżervazzjoni tal-popolazzjoni tad-dakkara fl-Unjoni biss ma tkunx biżżejjed biex treġġa' lura t-tnaqqis dinji fil-popolazzjonijiet tad-dakkara u l-effetti tiegħu fuq il-bijodiversità, il-produzzjoni agrikola u s-sigurtà tal-ikel, anki fl-Unjoni.
- (12) F'konformità mal-Artikolu 3(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-MRLs għall-klotijanidin u t-tijametossam kienu bbażati fuq il-Prattiki Agrikoli Tajbin (GAPs) kif definiti fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dak ir-Regolament, li b'mod partikolari qies l-effiċjenza fil-ġlieda kontra l-pesti tal-pjanti, u l-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa pubblika fil-kuntast tal-awtorizzazzjoni tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi. L-MRLs li jirriżultaw minn dawn il-GAPs tqiesu sussegwentement u nstabu sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni. Issa jixraq li r-rispons regolatorju s'issa jiġi kkomplementat billi fih jiġu integrati aħjar il-kunsiderazzjonijiet ambjentali li jqisu b'mod partikolari jekk il-GAPs użati fil-passat għall-istabbiliment tal-MRLs jiżgurawx biżżejjed protezzjoni tal-ambjent, abbażi tal-għarfien attwali. Il-GAPs li jinvolvu l-użi fil-beraħ tal-klotijanidin u t-tijametossam mhumiex aċċettabbli, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, minħabba l-effetti tagħhom fuq in-naħal. Minħabba n-natura globali tat-tnaqqis fid-dakkara, hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat li anki l-komoditajiet importati fl-Unjoni ma jkunx fihom residwi li jirriżultaw mill-GAPs ibbażati fuq l-użi fil-beraħ tal-klotijanidin u/jew tat-tijametossam, sabiex jiġi evitat it-trasferiment tal-effetti negattivi fuq in-naħal mill-produzzjoni tal-ikel fl-Unjoni għall-produzzjoni tal-ikel f'partijiet oħra fid-dinja li wara jiġi importat lejn l-Unjoni <sup>(28)</sup>. Dan huwa xieraq biex jiġi żgurat li l-prodotti kollha prodotti jew ikkonsmati fl-Unjoni jkunu ħielsa mill-klotijanidin u mit-tijametossam u l-produzzjoni ma tkunx assoċjata mal-mortalità tad-dakkara. Fid-dawl ta' dan, is-CXLs ibbażati fuq il-GAPs li ma jiksbox il-livell xieraq tal-protezzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu previsti bħala MRLs skont ir-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (13) Barra minn hekk, l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-klotijanidin u/jew it-tijametossam fl-Unjoni ġew irrevokati. Għalhekk jixraq li jitħassru l-MRLs korrispondenti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament flimkien mal-Artikolu 14(1)(a).
- (14) Għalhekk, filwaqt li jitqiesu l-fatturi kollha rilevanti għall-kwistjoni f'konformità mal-Artikolu 14(2), moqri fid-dawl tal-Artikolu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi li "il-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġġixxu żvilupp sostenibbli", l-MRLs kollha attwali għall-klotijanidin u/jew għat-tijametossam kif stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jitnaqqsu għal-Limitu ta' Determinazzjoni (LODs).

<sup>(26)</sup> Effects of decreases of animal pollinators on human nutrition and global health: a modelling analysis. MR Smith, GM Singh, D Mozaffarian, SS Myers. *The Lancet* 386, Hargha 10007; 2015. doi: 10.1016/S0140-6736(15)61085-6.

<sup>(27)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer. COM (2021) 44. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=COM%3A2021%3A44%3AFIN>

<sup>(28)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent. COM (2020) 381. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0381>

- (15) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar l-LODs speċifiċi għal kull prodott li jistgħu jinkisbu b'mod analitiku. Dawk l-LODs jenħtieġ li jiġu elenkati fl-Anness V f'konformità mal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (16) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (17) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (18) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni jew importati fiha qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom l-informazzjoni turi li għat-tali prodotti li jikkonformaw mal-MRLs eżistenti, inżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.
- (19) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-operaturi fil-pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppatti u f'dawk li qed jiżviluppaw, u l-operaturi tan-negozju tal-ikel, ikunu jistgħu jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li se jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs. Dan l-adattament tal-prattiki agrikoli jista' jkun raġonevolment mistenni li jinkiseb wara mill-inqas żewġ staġuni ta' tkabbir.
- (20) Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-kummerċ internazzjonali, l-applikazzjonijiet għat-tolleranzi għall-importazzjoni fir-rigward tal-klotjanidin jew it-tijametossam jistgħu jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti biex juru li l-GAPs li japplikaw għall-użi speċifiċi tas-sustanzi attivi huma sikuri għad-dakkara. Jekk tiġi ppreżentata, dik l-informazzjoni tiġi vvalutata abbażi ta' każ b'każ fil-perjodu ta' żmien previst f'dak ir-Regolament. Fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' talba għal tolleranza għall-importazzjoni, jekk applikant jipprovdi evidenza xjentifika li dak l-użu ta' dawn in-neonikotinojdi ma jkollux impatt negattiv fuq id-dakkara, u jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha, tolleranza tal-importazzjoni tista' tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.
- (21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel il-7 ta' Marzu 2026.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-7 ta' Marzu 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

L-Annessi II u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

- (1) fl-Anness II il-kolonna għall-klotjanidin u t-tijametossam jitħassru.  
 (2) fl-Anness V il-kolonna għall-klotjanidin u t-tijametossam jiżdiedu:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs <sup>(a)</sup>	Klotjanidin	Tijametossam
(1)	(2)	(3)	(4)
010000	<b>FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
011000	<b>Frott taċ-ċitru</b>		
0110010	Grejpfrut		
0110020	Larinġ		
0110030	Lumi		
0110040	Xkomp		
0110050	Mandolin		
0110990	Oħrajn (2)		
012000	<b>Ġewż tas-siġar</b>		
0120010	Lewż		
0120020	Ġewż tal-Brażil		
0120030	Ġewż tal-anakardju		
0120040	Qastan		
0120050	Ġewż tal-Indi		
0120060	Ġellewż		
0120070	Macadamia		
0120080	Ġewż Amerikan		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		
0120100	Pistaċċi		
0120110	Ġewż		
0120990	Oħrajn (2)		
013000	<b>Pomu</b>		
0130010	Tuffieħ		
0130020	Lanġas		
0130030	Sfarġel		
0130040	Naspli		
0130050	Naspli tal-Ġappun		
0130990	Oħrajn (2)		

0140000	<b>Frott tal-għadma</b>		
0140010	Berquq		
0140020	Ċiras (ħelu)		
0140030	Ħawħ		
0140040	Għanbaqar		
0140990	Oħrajn (2)		
0150000	<b>Kukku u frott żgħir ieħor</b>		
0151000	<b>(a) ġheneb</b>		
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb għall-inbid		
0152000	<b>(b) frawli</b>		
0153000	<b>(c) frott tal-kannamiela</b>		
0153010	Tut		
0153020	Tut salvaġġ		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		
0153990	Oħrajn (2)		
0154000	<b>(d) frott żgħir u kukku oħrajn</b>		
0154010	Mirtill		
0154020	Cranberries		
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)		
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)		
0154050	Warda skoċċiża		
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)		
0154070	Ghanzalar/naspli tal-Mediterran		
0154080	Frott tas-sebuqa		
0154990	Oħrajn (2)		
0160000	<b>Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:</b>		
0161000	<b>(a) b'qoxra li tittikkel</b>		
0161010	Tamal		
0161020	Tin		
0161030	Żebbuġ tal-mejda		
0161040	Larinġ tal-qsari		
0161050	Karambola		
0161060	Kaki		
0161070	Għanbaqar ta' Ġava		
0161990	Oħrajn (2)		
0162000	<b>(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir</b>		
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)		
0162020	Liċċi		



0162030	Frott tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Frott tal-kaki tal-Virginja		
0162990	Oħrajn (2)		
0163000	<b>(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir</b>		
0163010	Avokado		
0163020	Banana		
0163030	Mango		
0163040	Papaja		
0163050	Rummien		
0163060	Ċerimoja		
0163070	Gwava		
0163080	Ananas		
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż		
0163100	Durian		
0163110	Il-frotta tal-annona		
0163990	Oħrajn (2)		
0200000	<b>ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT</b>		
0210000	<b>Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0211000	<b>(a) patata</b>		
0212000	<b>(b) ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi</b>		
0212010	Għeruq tal-kassava		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jammijiet		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn (2)		
0213000	<b>(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa</b>		
0213010	Pitravi		
0213020	Zunnarija		
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi		
0213040	Għeruq tal-mustarda		
0213050	Artiċokks		
0213060	Zunnarija bajda		
0213070	Tursin ta' Hamburg		
0213080	Ravanell		

0213090	Leħjet il-bodbod		
0213100	Swedes		
0213110	Lift		
0213990	Oħrajn (2)		
0220000	<b>Ħxejjex tal-basla</b>	0,01 *	0,01 *
0220010	Tewm		
0220020	Basal		
0220030	Xalotti		
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		
0220990	Oħrajn (2)		
0230000	<b>Ħxejjex tal-frott</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0231000	<b>(a) Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae</b>		
0231010	Tadam		
0231020	Bżar ħelu		
0231030	Brunġiel		
0231040	Bamja		
0231990	Oħrajn (2)		
0232000	<b>(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekel</b>		
0232010	Ħjar		
0232020	Ħjar tal-pikles		
0232030	Zukkini		
0232990	Oħrajn (2)		
0233000	<b>(c) kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx</b>		
0233010	Bettieħ		
0233020	Qara' aħmar		
0233030	Dullieġħ		
0233990	Oħrajn (2)		
0234000	<b>(d) qamħirrum ħelu</b>		
0239000	<b>(e) ħxejjex tal-frott oħrajn</b>		
0240000	<b>Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0241000	<b>(a) Brassika li tagħmel il-fjuri</b>		
0241010	Brokkli		
0241020	Pastard		
0241990	Oħrajn (2)		
0242000	<b>(b) kaboċċi kkapoċċati</b>		
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk		
0242020	Kaboċċa kkapoċċati		
0242990	Oħrajn (2)		

0243000	<b>(c) brassika bil-weraq</b>		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi		
0243020	Kaboċċi ("kales")		
0243990	Oħrajn (2)		
0244000	<b>(d) ġdur</b>		
0250000	<b>Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>		
0251000	<b>(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ		
0251020	Ħass		
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin		
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn		
0251050	Krexxuni tal-art		
0251060	Aruka		
0251070	Mustarda ħamra		
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)		
0251990	Oħrajn (2)		
0252000	<b>(b) spinaċi u weraq simili</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0252010	Spinaċi		
0252020	Burdlieq		
0252030	Weraq tas-selq		
0252990	Oħrajn (2)		
0253000	<b>(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0254000	<b>(d) krexxuni</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0255000	<b>(e) ċikwejra</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0256000	<b>(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>	<b>0,02 *</b>	<b>0,02 *</b>
0256010	Maxxita		
0256020	Kurrat selvaġġ		
0256030	Weraq tal-karfus		
0256040	Tursin		
0256050	Salvja		
0256060	Klin		
0256070	Timu		
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu		
0256090	Weraq tar-rand		
0256100	Stregun		
0256990	Oħrajn (2)		
0260000	<b>Legumi</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0260010	Fażola (bl-imżiewed)		
0260020	Fażola (bla mżiewed)		

0260030	Piżelli (bl-imżiewed)		
0260040	Piżelli (bla mżiewed)		
0260050	Għads		
0260990	Oħrajn (2)		
0270000	<b>Ħxejjex biz-zokk</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0270010	Spraġ		
0270020	Kardun		
0270030	Krafes		
0270040	Bużbież ta' Firenze		
0270050	Qaqoċċ		
0270060	Kurrat		
0270070	Rabarbru		
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu		
0270090	Qlub tal-palm		
0270990	Oħrajn (2)		
0280000	<b>Faqqiegħ, ħażiż u likeni</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0280010	Faqqiegħ ikkultivat		
0280020	Faqqiegħ salvaġġ		
0280990	Ħażiż u likeni		
0290000	<b>Alka u organiżmi prokarjoti</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0300000	<b>BUS U ĦEMES</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0300010	Fażola		
0300020	Għads		
0300030	Piżelli		
0300040	Lupini/fażola tal-lupini		
0300990	Oħrajn (2)		
0400000	<b>ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0401000	<b>Żrieragħ taż-żejt</b>		
0401010	Żerriegħa tal-kittien		
0401020	Karawett		
0401030	Żerriegħa tal-peprin		
0401040	Ġulġlien		
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol		
0401060	Żerriegħa tal-lift		
0401070	Fażola tas-sojja		
0401080	Żerriegħa tal-mustarda		
0401090	Żerriegħa tal-qoton		
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar		

0401110	Żrieragħ tal-għosfor		
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom		
0401130	Żerriegħa tal- <i>camelina sativa</i>		
0401140	Qannebusa		
0401150	Fażola tar-rigħnu		
0401990	Oħrajn (2)		
0402000	<b>Frott taż-żejt</b>		
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt		
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt		
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt		
0402040	Kapok		
0402990	Oħrajn (2)		
0500000	<b>ĊERREALI</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0500010	Xgħir		
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn		
0500030	Qamħirrum		
0500040	Millieġ komuni		
0500050	Ħafur		
0500060	Ross		
0500070	Segala		
0500080	Sorgu		
0500090	Qamħ		
0500990	Oħrajn (2)		
0600000	<b>TEJJET, KAFÈ, INFUŻJONIJET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB</b>		
0610000	<b>Tejjet</b>	<b>0,05 *</b>	<b>0,05 *</b>
0620000	<b>Kafeni</b>	0,05 *	<b>0,05 *</b>
0630000	<b>Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:</b>	0,05 *	0,05 *
0631000	<b>(a) mill-fjuri</b>		
0631010	Kamumella		
0631020	Ibisku		
0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn (2)		
0632000	<b>(b) mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi</b>		
0632010	Frawla		
0632020	Rooibos		
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn (2)		

0633000	<b>(c) mill-għeruq</b>		
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn (2)		
0639000	<b>(d) minn kull parti oħra tal-pjanta</b>		
0640000	<b>Żerriegħa tal-Kawkaw</b>	0,02 *	0,02 *
0650000	<b>Ħarrub</b>	0,05 *	0,05 *
0700000	<b>HOPS</b>	<b>0,05 *</b>	<b>0,05 *</b>
0800000	<b>ĦWAWAR</b>		
0810000	<b>Ħwawar taż-żerriegħa</b>	0,05 *	0,05 *
0810010	Ħlewwa		
0810020	Kemmun iswed		
0810030	Karfus		
0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn (2)		
0820000	<b>Ħwawar tal-frott</b>	0,05 *	0,05 *
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Karwija		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi		
0820990	Oħrajn (2)		
0830000	<b>Ħwawar tal-qoxra tas-siġar</b>	0,05 *	0,05 *
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn (2)		
0840000	<b>Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi</b>		
0840010	Għud is-sus	0,05 *	0,05 *
0840020	Ġinger (10)		

0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 *	0,05 *
0840040	Għerq tal-mustarda (11)		
0840990	Oħrajn (2)	0,05 *	0,05 *
0850000	<b>Ħwawar tal-blanzuni</b>	0,05 *	0,05 *
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn (2)		
0860000	<b>Il-ħwawar ta' qalb il-fjura</b>	0,05 *	0,05 *
0860010	Żagħfran		
0860990	Oħrajn (2)		
0870000	<b>Ħwawar tal-aril</b>	0,05 *	0,05 *
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata		
0870990	Oħrajn (2)		
0900000	<b>PJANTI TAZ-ZOKKOR</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
0900010	Pitravi ħelu		
0900020	Kannamieli		
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra		
0900990	Oħrajn (2)		
1000000	<b>PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI</b>		
1010000	<b>Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:</b>	<b>0,02 *</b>	<b>0,02 *</b>
1011000	<b>(a) mill-ħnieżer</b>		
1011010	Muskoli		
1011020	Xaħam		
1011030	Fwied		
1011040	Kliewi		
1011050	Ġewwieni li jittiekkel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1011990	Oħrajn (2)		
1012000	<b>(b) mill-annimali bovini</b>		
1012010	Muskoli		
1012020	Xaħam		
1012030	Fwied		
1012040	Kliewi		
1012050	Ġewwieni li jittiekkel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1012990	Oħrajn (2)		
1013000	<b>(c) min-nagħaġ</b>		
1013010	Muskoli		
1013020	Xaħam		
1013030	Fwied		

1013040	Kliewi		
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1013990	Oħrajn (2)		
1014000	<b>(d) mill-mogħoż</b>		
1014010	Muskoli		
1014020	Xaħam		
1014030	Fwied		
1014040	Kliewi		
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1014990	Oħrajn (2)		
1015000	<b>(e) mill-ekwini</b>		
1015010	Muskoli		
1015020	Xaħam		
1015030	Fwied		
1015040	Kliewi		
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1015990	Oħrajn (2)		
1016000	<b>(f) mill-pollam</b>		
1016010	Muskoli		
1016020	Xaħam		
1016030	Fwied		
1016040	Kliewi		
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1016990	Oħrajn (2)		
1017000	<b>(g) minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn</b>		
1017010	Muskoli		
1017020	Xaħam		
1017030	Fwied		
1017040	Kliewi		
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		
1017990	Oħrajn (2)		
1020000	<b>Ħalib</b>	<b>0,01 *</b>	<b>0,01 *</b>
1020010	Bhejjem tal-ifrat		
1020020	Nagħaġ		
1020030	Mogħoż		
1020040	Żwiemel		
1020990	Oħrajn (2)		



1030000	<b>Bajd tal-għasafar</b>	0,01 *	0,01 *
1030010	Tiġieġ		
1030020	Papri		
1030030	Wiżż		
1030040	Summien		
1030990	Oħrajn (2)		
1040000	<b>Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)</b>	0,05 *	0,05 *
1050000	<b>Amfibji u Rettili</b>	0,01 *	0,01 *
1060000	<b>Annimali terrestri invertebrati</b>	0,01 *	0,01 *
1070000	<b>Annimali vertebrati terrestri slavaġ</b>	0,01 *	0,01 *
1100000	<b>PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)</b>		
1200000	<b>PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)</b>		
1300000	<b>PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)</b>		

\* Jindika limitu minimu ta' kwantifikazzjoni analitika

(<sup>e</sup>) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, jenħtieġ li ssir referenza għall-Anness I<sup>o</sup>